

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2021 minn Fundacija Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) fil-25 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-42/21, Fundacija Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-546/21 P)

(2023/C 261/02)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Appellant: Fundacja Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris (rappreżentanti: K. Koźmiński, radca prawny, T. Siemiński, adwokat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) annullat id-digriet tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Ġunju 2021, Fundacija Instytut na rzecz Kultury Prawnej Ordo Iuris vs Il-Parlament (T-42/21, mhux ippubblikat, EU:T:2021:385) u bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropew.

Appell ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2022 minn WV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) fil-5 ta' Ottubru 2022 fil-Kawża T-618/21, WV vs CdT

(Kawża C-750/22 P)

(2023/C 261/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: WV (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT)

B'digriet tat-13 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat l-appellant għall-ispejjeż tiegħu stess.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Minden (il-Ġermanja) fl-1 ta' Marzu 2023 – N. A. K., E. A. K., Y. A. K. vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-123/23, Khan Yunis (¹))

(2023/C 261/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinvju

Verwaltungsgericht Minden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: N. A. K., E. A. K., Y. A. K.

Konvenut: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Domanda preliminari

L-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali⁽¹⁾, moqr flimkien mal-Artikolu 2(q) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippovdi li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'dan l-Istat Membru għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli meta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata preċedentement fi Stat Membru ieħor kienet ġiet miċħuda b'mod definitiv bħala infondata minn dan l-Istat Membru ieħor?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa isem fittizju. Ma jikkorrispondi mal-isem reali ta' ebda parti fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU 2013, L 180, p. 60.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanja) – Proċedura kriminali kontra AR

(Kawża C-179/22⁽¹⁾, AR)

(2023/C 261/05)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 222, 07.06.2022.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franzja) – Conseil national des barreaux, Conférence des bâtonniers, Ordre des avocats du barreau de Paris vs Premier ministre, Ministre de l'Economie, des Finances et de la Relance, fil-preżenza ta': Ordre des avocats du barreau des Hauts-de-Seine

(Kawża C-398/21⁽¹⁾, Conseil national des barreaux *et al.*)

(2023/C 261/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 382, 20.09.2021.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court – l-Irlanda) – Z.K., M.S. vs The Minister for Justice and Equality

(Kawża C-248/23⁽¹⁾, The Minister for Justice and Equality)

(2023/C 261/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 237, 20.6.2022.